MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 288/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Chetcuti**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Chetcuti talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Dicembru 2010 u Jannar 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Marielle Chetcuti u/jew lil uliedhom is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-20 ta’ Gunju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi George Chetcuti hati u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u ordnat lill-istess George Chetcuti jhallas is-somma ta’ tmien mitt ewro (€800) fi zmien xahar, ai termini ta’ l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ George Chetcuti pprezentat fit-30 ta’ Gunju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tilliberah minn kull akkuza u piena jew (2) sussidjarjament, tvarja s-sentenza appellata billi tnaqqas il-piena applikata kontrih tenut kont tac-cirskostanzi kollha partikolari ta’ dan il-kaz, u fi kwalsiasi kaz, tirrevoka l-ordni tal-hlas ta’ €800 *in toto* jew in parti;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) in-*ne bis in idem* in kwantu l-imputazzjoni tolqot ix-xahar ta’ Dicembru 2010; (2) li huwa ma kellux jinstab hati ta’ l-imputazzjoni dedotta; (3) sussidjarjament, li l-piena hi eccessiva, inkluz l-ordni ghall-hlas ghax galadarba ma nefqet xejn fuq it-tifel m’ghandu jigi rifuz lilha xejn.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellant ghandu ragun. Permezz ta’ sentenza ta’ l-14 ta’ Marzu 2011 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (esebita b’nota tad-29 ta’ Novembru 2011) l-appellant gie lliberat mill-imputazzjoni li ma hallasx il-manteniment “nhar-it 23 ta’ Novembru 2010 u ghax-xahar ta’ Dicembru 2011” (huwa evidenti illi l-imputazzjoni riedet tirreferi ghal Dicembru 2010 u mhux Dicembru 2011 – ic-citazzjoni difatti nharget fis-27 ta’ Jannar 2011). Ghalhekk, galadarba bis-sentenza msemmija gie lliberat mill-

imputazzjoni li ma hallasx manteniment ghax-xahar ta' Dicembru 2010, u stante li **"ma jistax ghall-<u>istess fatt</u> ikun suggett ghal kawza ohra"** (artikolu 527 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), l-ewwel aggravju qieghed jigi milqugh.

**7.** Fil-mertu l-appellant jghid illi wara s-sentenza li permezz taghha gie ordnat ihallas lil martu manteniment ghaliha u ghat-tifel, avveraw fatti li wasslu lill-Qorti kompetenti sabiex fl-ahjar interess tal-minuri taffida l-kura u l-kustodja tieghu lill-appellant kif ukoll issospendiet l-obbligu tieghu li jhallas ebda ammont lil martu la ghat-tifel u lanqas ghaliha. Jghid li r-rikors ghall-affidament gie ntavolat f'Settembru 2010 filwaqt li t-talba ghas-sospensjoni tal-manteniment tat-tifel hija konsegwenzjali ghall-affidament tieghu. Madanakollu peress li l-proceduri damu huwa pprezenta talba ghas-sospensjoni tal-manteniment fil-bidu ta' 2010. L-appellant isostni illi lit-tifel kien qieghed imantnieh direttament hu filwaqt illi l-€400 li kien qed itiha ghat-tifel ma uzat xejn minnhom ghat-tifel. L-appellant jirreferi ghall-affidavit ta' P.S. 1240 mnejn jirrizulta illi martu marret tirrapporta li ma hallashiex manteniment fit-22 ta' Frar 2011, cioe` wara li nhareg id-digriet tas-sospensjoni tal-manteniment taghha u tal-minuri. Jghid illi martu lanqas biss dehret ghas-seduti appuntati ghas-smigh fuq l-affidament tal-minuri u d-digriet b'hekk ittawwal sa Marzu biex inghata. Skod l-appellant, ghalkemm dan id-digriet ma nghatax retroattivament, dan huwa rrilevanti peress li l-fatti li taw lok ghas-sospensjoni tal-manteniment tal-mara u tat-tifel kienu jirrisalu sa Settembru 2010 u kien qed ihallasha manteniment ta' xejn. Difatti l-Qorti tal-Familja stronkat il-manteniment f'dan l-istadju preliminari tal-proceduri. Inoltre skond l-artikolu 22 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, mhuwiex permissibbli ghalih li jitlob rifuzjoni ta' manteniment imhallas u ghalhekk kien ikun pregudikat irrimedjabilment f'kaz li kompla jhallas il-manteniment. Ghalhekk huwa ngust u skorrett li jibqa' tenut ihallas lil martu mantenment intiz ghall-bzonnijiet ta' ibnu meta ma kienet qed tutilizza xejn minnhom ghalih.

**8.** L-ewwelnett jigi stabbilit illi l-imputazzjoni hija issa limitata ghan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment lil Mariella Chetcuti ghall-minuri ghax-xahar ta' Jannar 2011 fl-ammont ta' €400. M'hemm l-ebda dubju illi l-manteniment tal-minuri kien marbut mal-fatt li l-kura u l-kustodja tal-minuri kienet f'idejn l-omm, cioe` f'idejn Mariella Chetcuti. Fis-7 ta' Settembru 2010 l-appellant pprezenta rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex il-kura u kustodja tigi fdata lilu. Fid-9 ta' Dicembru 2010 huwa pprezenta rikors quddiem dik il-Qorti fejn infurmaha bil-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu u talabha "tissospendi jew tirrevoka l-obbligu tieghu li jhallas manteniment lil martu ghat-tifel diment li t-tifel huwa fil-kura tieghu u qed imantnih hu", u talabha wkoll li "tissospendi jew tirrevoka [l-obbligu tieghu li] jhallas manteniment lil martu ghaliha personalment stante c-cirkostanzi partikolari tal-kaz." B'digriet tal-15 ta' Frar 2010 dik il-Qorti laqghet it-talba provvizorjament.

**9.** Issa, hawn si tratta ta' proceduri kriminali fejn il-Qorti tara jissussistux l-elementi kontemplati fl-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri** deciz fit-18 ta' Settembru 2002:

**"… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond'Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn 1-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma' tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti tas-Sekond'Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha."**

**10.** Fil-kaz odjern jirrizulta illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Superjuri Civili tas-6 ta' Settembru 2010, l-ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sentenza taghha ta' l-

24 ta’ April 2009 biex l-appellant ihallas lil martu €400 fix-xahar ghall-minuri giet ikkonfermata. Jidher li kien proprju l-ghada li l-appellant intavola rikors quddiem il-Qorti kompetenti biex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata lilu. Imbaghad fid-9 ta’ Dicembru 2010 ntavola r-rikors imsemmi (f’paragrafu 8) fejn, pero`, ma talabx li s-sospensjoni tibda topera retroattivament. Inoltre mill-kopja tar-rikors a fol. 29 jidher li almenu sat-13 ta’ Jannar 2011 l-atti tar-rikors kienu ghadhom mhux maghluqa peress illi dakinhar sar pagament biex issir notifika. Kwindi l-ordni ghall-hlas ta’ manteniment kien sa dakinhar li nghata digriet ghadu vigenti, u fid-dawl ta’ dak li ntqal fil-paragrafu precedenti, il-manteniment ghall-minuri kien ghadu dovut mill-appellant.

**11.** Dwar il-piena ftit hemm x’jinghad peress illi l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal zmien xahar huwa mod ta’ trattament gust fic-cirkostanzi tal-kaz. Kwantu ghall-ordni ta’ hlas ta’ manteniment, stante illi jirrizulta li huwa dovut biss il-manteniment ghal xahar wiehed, l-ordni ghall-hlas se jkun imnaqqas ghal €400.

**12.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabitu hati li ma hallasx il-manteniment ghax-xahar ta’ Dicembru 2010 u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imputazzjoni in kwantu jirrigwarda dan ix-xahar, tirrevokaha wkoll in kwantu a tenur ta’ l-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta gie ordnat ihallas lil Mariella Chetcuti s-somma ta’ €800 u minflok, a tenur ta’ l-istess artikolu 24 tal-Kap. 446, tordna li sa zmien xahar millum ihallasha s-somma ta’ €400. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b’dan li l-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------